TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur**

Elizabeth Portelli

vs

Marcomp Ltd.

CCT 169/16/MS

27 ta' Frar 2017

It-Tribunal

Ra l-avvizipprezentat fit-22 ta' Settembru 2016 fejn l-attrici talbet ir-rifuzjoni ta' mija hamsa u hamsin Euro prezz ta' tablet mixtri minghand is-socjeta' intimata liema tablet ma ffunzjonax kif suppost.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata prezentat fl-14 ta Novembru 2016 fejn cahdet l-allegazzjonijiet tal-attrici u jekk kien hemm xi hsara dina giet ikkawzata mill-attrici stess.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi jirrizulta mill-provi illi fl-24 ta' Jannar 2014 l-attrici xtrat minghand is-socjeta' intimata tablet bl-isem Asus Memo Pad HD 7 ME173X Black ghall-prezz ta' €155.00. Dan il-bejgh kien kopert b'garanzija ta' sentejn.

Illi xehdet illi ftit wara li xtratu inkisrilha l-wicc. Haditu ghat-tiswija u hallset €10.00. Tallega illi t-tablet dam sena ghand is-socjeta' intimata u meta giet moghtija it-tablet lura il-hgiega kienet imkissra u kien hemm ukoll xi bdil fl-iswitch illi topera t-tablet. Ghalhekk ma accetatux u halliet it-tablet mas-socjeta' intimata. Ex admissis qalet li meta haditu l-ewwel darba ghand is-socjeta' intimata ma xeghlietux peress illi haditu biss biex jinbidel il-hgiega.

Illi Paul Carbaott ghan-nom tas-socjeta' intimata jiftakar li kellem lill-attrici fejn kienet qaltlu li kien in-neputi taghha stess li kisser il-hgiega. Peress illi screen gdid kien jiswa tmenin Euro (€80.00) u peress li l-hsara ma kenitx koperta bil-garanzija ddecieda li jnehhi screen minn fuq tablet iehor u jwahhlu fuq dak tal-attrici. Ix-xoghol sar minn technician li talab ghaxar Euro (10.00) ghas-servizzi tieghu. Meta ikkonsenjah lura lill-attrici, it-tablet ma xeghlux. L-ghada l-attrici regghet

marret ghand is-socjeta' intimata. Hadet it-tablet miftuh u qalet lis-sur Carabott li haditu ghand haddiehor. Dan tal-ahhar zamm lit-tablet u tah lit-technician. Ma jiftakarx kemm ghadda zmien u jista' jkun li meta l-attrici giet il-hanut it-tablet ma setax jinstab mal-ewwel pero eventualment instab pero l-attrici rrifjutat li tiehdu lura.

Ikkunsidra

Mhuwiex kontestat illi l-attrici xtrat tablet minghand is-socjeta' intimata gas-somma ta'155.00 liema tablet kien kopert b'garanzija ta' sentejn. Hija prassi normali fil-kummerc illi jekk il-prodott jigrilu hsara minhabba maltrattament il-garanzija taqa'. L-attrici ma tispjegax kif inkissrilha l-wicc. Tghid biss " inkissirli'. Paul Carabott ghan-nom tas-socjeta' intimata jaghti spjegazzjoni iktar cara meta ighid li l-attrici kienet qaltlu li l-wicc kien kissirulha n-neputi. Dan jaghmel iktar sens peress illi l-affarijiet ma jinkissrux wahedhom. Dan. kwindi, ma kienx jintitola l-attrici li tesegwixxi t-tiswija minghajr hlas. Pero sabiex jaghmillha pjacir peress illi l-intimat kien jaf lill-iben tal-attrici irranga billi biddel l-iscreen ma tablet iehor u dan jista' jispjega d-differenza tal-kulur illi nnutat l-attrici meta marret biex tirtira t-tablet l-ewwel darba.

It-Tribunal jidhirlu li z-zewg partijiet naqsu meta t-tablet gie kkonsenjat lill-attrici fis-sens illi ma giex mixghul biex ikunu certi li t-tablet qed jahdem. Dan l-obbligu pero kien aktar jinkombi fuq l-attrici peress illi t-tablet kien taghha u kien fl-interess taghha li taccerta ruhha li jiffunzjona kif suppost. Ghalhekk issa ma tistax tippretendi li gabet il-prova li t-tablet hareg bil-hsara minghand is-socjeta' intimata. Ghalhekk it-Tribunal jikkonkludi li l-ewwel nett kien traskuragni tal-attrici illi t-tablet gralu hsara. It-tieni li t-tiswija ma kellhiex tkun koperta bil-garanzija. It-tielet illi ma qisietx l-interessi taghha biex tassikura li t-tablet kien jahdem meta gabritu minghand is-socjeta' intimata.

It-Tribunal jidhirlu li l-attrici ma lahqitx dik il-grad ta' prova rikjest mill-ligi sabiex tirnexxi fl-istanza taghha u ghaldaqstant jaqta' u jiddeciedi illi jichad it-talba taghha bl-ispejjes kontra taghha.

Avv.Michela Spiteri
Arbitru